II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/385

tat-2 ta' Marzu 2021

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tal-istatus ta' ċerti reġjuni bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*), l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tal-istatus ta' ċerti reġjuni bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloża u mill-bruċelloża u l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-istatus ta' ċerti reġjuni bħala ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u l-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni ta' din il-marda

(notifikata bid-dokument C(2021) 1064)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tiegħu, u l-paragrafu 4 tal-Anness A.I u l-paragrafu 7 tal-Anness A.II tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż ([2]), u b'mod partikolari l-Anness A, il-Kapitolu 1.II tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/68/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tan-nagħaġ u tal-mogħoż fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-marda tal-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE ([3]) tipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri mniżżla fl-Anness II tagħha huma rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE.

(3) Franza ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għad-dipartiment tal-Pyrénées-Atlantiques fir-reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE sabiex ikunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż.

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977.
([2]) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċelloża (*B.melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).

(4) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għar-reġjun tal- Abruzzo, il-provinċji ta' Catanzaro u Cosenza fir-reġjun tal-Calabria, il-provinċja ta' Benevento fir-reġjun tal- Campania u l-provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani u Taranto fir-reġjun tal-Puglia mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE sabiex ikunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż.

(5) Spanja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għall-provinċji ta' Almeria, Granada, Jaén u Málaga fil-Komunità Awtonoma ta' Andalusija mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE sabiex ikunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż.

(6) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' sostenn, id-dipartimenti tal-Pyrénées-Atlantiques fir-reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine fi Franza, ir-reġjun tal-Abruzzo, il-provinċji ta' Catanzaro u Cosenza fir-reġjun tal-Calabria, il-provinċja ta' Benevento fir-reġjun tal-Campania u l-provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani u Taranto fir-reġjun tal-Puglia fl-Italja u l-provinċji ta' Almeria, Granada, Jaén u Málaga fil-Komunità Awtonoma ta' Andalusija fi Spanja jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet tan-nagħaġ u tal-mogħoż.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE jiġi emendat skont dan.

(8) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ tal-annimali bovini u porċini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom Stat Membru jew ir-reġjuni tiegħu jistgħu jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži u uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(9) L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ([4]) jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri mniżżla fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(10) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi li konformità għar-reġjuni ta' Molise, il-provinċja ta' Matera fir-reġjun tal-Basilicata u l-provinċja ta' Sardenja t'Isfel mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikunu rikonoxxuti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(11) Wara li saret l-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, ir-reġjun tal-Molise, il-provinċja ta' Matera fir-reġjun tal-Basilicata u l-provinċja ta' Sardenja t'Isfel fir-reġjun ta' Sardenja jenħtieġ li jkunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġi emendat skont dan.

(13) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri mniżżla fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(14) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għall-provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani u Lecce fir-reġjun tal-Puglia u l-provinċji ta' Avellino, Benevento u Napoli fir-reġjun tal-Campania mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(15) Spanja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għall-provinċji ta' Cádiz, Córdoba, Huelva, Málaga u Sevilla fil-Komunità Awtonoma ta' Andalusija u l-provinċji ta' Ávila, Palencia u Segovia fil-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istatus ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloži, bruċelloži u lewkoži bovina enżootika fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

(16) Wara li saret l-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, il-provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani u Lecce fir-reġjun tal-Puglia u l-provinċji ta' Avellino, Benevento u Napoli fir-reġjun tal-Campania fl-Italja u l-provinċji ta' Cádiz, Córdoba, Huelva, Málaga u Sevilla fil-Komunità Awtonoma ta' Andalusija u tal-provinċji Ávila, Palencia u Segovia fil-Komunità Awtonoma ta' Kastilja León fi Spanja jenħtieġ li jkunu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet tal-annimali bovini.

(17) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġi emendat skont dan.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE ([5]) tistabbilixxi garanziji addizzjonali għall-moviment tal-ħnieżer bejn l-Istati Membri. Dawk il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri jew tar-reġjuni tagħhom skont l-istatus tal-mard tagħhom għall-marda ta' Aujeszky. L-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky.

(19) L-Estonja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità għat-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/185/KE sabiex jiġi rikonoxxut bħala ħieles mill-marda ta' Aujeszky.

(20) Wara l-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jenħtieġ li l-Estonja tiġi rikonoxxuta bħala ħielsa mill-marda ta' Aujeszky.

(21) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jiġi emendat skont dan.

(22) L-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li għandhom fis-seħħ programmi ta' kontroll nazzjonali approvati għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky.

(23) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni ta' sostenn għall-approvazzjoni tal-programmi ta' kontroll tagħha għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky għal 13-il reġjun u biex dawn ir-reġjuni jiġu elenkati kif xieraq fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE.

(24) Il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni ta' sostenn għall-approvazzjoni tal-programmi ta' kontroll tiegħu għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky għat-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru biex jiġi elenkat kif dovut fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE.

(25) Wara l-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jenħtieġ li l-programmi ta' kontroll għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky fi 13-il reġjun tal-Italja u fil-Portugall jiġu approvati.

(26) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jiġi emendat skont dan.

(27) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 93/52/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2003/467/KE hija emendata kif ġej:

(a) L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(b) L-Anness II huwa emendat kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda (ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19).

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2008/185/KE hija emendata kif ġej:

(a) L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni;

(b) L-Anness II huwa emendat kif stabbilit fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għal Franza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fi Franza:

Id-Dipartimenti ta':

Ain, Aisne, Allier, Alpes de Haute-Provence, Hautes-Alpes, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Corse-du-Sud, Haute-Corse, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Dordogne, Doubs, Drôme, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Haute-Garonne, Gers, Gironde, Hérault, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loir-et-Cher, Loire, Haute-Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Haute-Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Pyrénées-Atlantiques, Hautes-Pyrénées, Pyrénées-Orientales, Bas-Rhin, Haut-Rhin, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Savoie, Haute-Savoie, Ville de Paris, Seine-Maritime, Seine-et-Marne, Yvelines, Deux-Sèvres, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Haute-Vienne, Vosges, Yonne, Territoire de Belfort, Essonne, Hauts-de-Seine, Seine-Saint-Denis, Val-de-Marne, Val-d'Oise."

(2) l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Calabria: Il-Provinċji ta' Catanzaro u Cosenza,

— Ir-Reġjun tal-Campania: Il-Provinċja ta' Benevento,

— Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazio,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardia,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Molise,

— Ir-Reġjun tal-Piemonte,

— Ir-Reġjun tal-Puglia: Il-provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi u Taranto,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbria,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

(3) l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma ta' Aragona,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Andalusija: Il-provinċji ta' Almeria, Cadiz, Cordoba, Granada, Huelva, Jaén, Málaga u Sevilla,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Cantabria,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León,
— Il-Komunità Awtonoma tal-Katalonja,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Extremadura,
— Il-Komunità Awtonoma tal-Galicia,
— Il-Komunità Awtonoma ta' La Rioja,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Madrid,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Murcia,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,
— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask,
— Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja."

ANNESS II

Fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Ir-Reġjun tal-Basilikata: Il-Provinċja ta' Matera,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazio: Il-Provinċji ta' Frosinone, Rieti, Viterbo,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardia,

— Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċji ta' Ancona, Ascoli Piceno, Fermo, Pesaro-Urbino,

— Ir-Reġjun tal-Molise,

— Ir-Reġjun tal-Piemonte,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja: Il-Belt Metropolitana ta' Cagliari, il-Provinċji ta' Oristano, Sardenja t'Isfel,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbria,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

ANNESS III

Il-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Campania: Il-Provinċji ta' Avellino, Benevento, Napli,

— Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazio,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardia,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Molise: Il-Provinċja ta' Campobasso,

— Ir-Reġjun tal-Piemonte,

— Ir-Regjun tal-Puglia: Il-Provinċji ta' Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbria,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

(2) l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma ta' Andalucia: Il-provinċji ta' Almeria, Cádiz, Córdoba, Granada, Huelva, Jaén, Málaga u Sevilla,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Aragona,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León: Il-Provinċji ta' Ávila, Burgos, León, Soria, Valladolid u Zamora,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Katalonja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Galicia,

— Il-Komunità Awtonoma ta' La Rioja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Madrid,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Murcia,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja."

ANNESS IV

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, tiżdied il-linja li ġejja wara l-entrata għall-Ġermanja:

"EE	L-Estonja	Ir-reġjuni kollha"

ANNESS V

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

"IT	L-Italja	Ir-Reġjun tal-Abruzzo Ir-Reġjun tal-Puglia Ir-Reġjun tal-Basilicata Ir-Reġjun tal-Calabria Ir-Reġjun tal-Campania Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna Ir-Reġjun tal-Lazio Ir-Reġjun tal-Liguria Ir-Reġjun tal-Lombardia Ir-Reġjun tal-Marche Ir-Reġjun tal-Molise Ir-Reġjun tal-Piemonte Ir-Reġjun ta' Sqallija Il-Provinċja Awtonoma ta' Trento Ir-Reġjun tat-Toskana Ir-Reġjun ta' Valle d'Aosta Ir-Reġjun tal-Umbria Ir-Reġjun tal-Veneto"

(2) il-linja li ġejja tiżdied wara l-entrata tal-Polonja:

"PT	Il-Portugall	Ir-reġjuni kollha"